Nru./No. 20,950
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 27 ta' Ottubru, 2022
Thursday, 27th October, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 14,761 - 14,762
Government Notices ..... *14,761 - 14,762*

Avviżi tal-Gvern ..... 14,762 - 14,763
Notices ..... *14,762 - 14,763*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,763 - 14,764
Court Notices ..... *14,763 - 14,764*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1474

ATT XXI TAL-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354) U ATT XVI TAl-2003 DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Reġistri Elettorali

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 tal-Att tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, kif emendat bl-Att XV tal-1996, qed jiġi ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut ma' din il-Gazzetta.

Qiegħed jiġi ppubblikat mal-istess Gazzetta, skont l-artikolu 13 tal-Att tal-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea.

Is-27 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1475

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Francesca Mifsud bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Joseph Abela u dan għall-perjodu bejn l-24 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Ottubru, 2022.

Illum, l-24 ta' Ottubru, 2022

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.).
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 1476

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Peter Fleri-Soler bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar

GOVERNMENT NOTICES

No. 1474

GENERAL ELECTIONS ACT XXI , 1991 (CAP. 354) AND ACT XVI OF 2003 FOR ELECTIONS TO THE EUROPEAN PARLIAMENT (CAP. 467)

Electoral Registers

IN accordance with the provisions of section 33 of the General Elections Act 1991, as amended by Act XV of 1996, a revised Electoral Register is published with this Gazette.

Also being published with this Gazette, according to section 13 of the European Parliament Elections Act, 2003, is the European Union Electoral Register.

27th October, 2022

No. 1475

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Francesca Mifsud to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Joseph Abela for the period between the 24th October, 2022 and the 31st of October, 2022.

Today, the 24th October, 2022

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.).
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 1476

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Peter Fleri-Soler to be notary delegate

Dott. Michaela Fleri-Soler u dan għall-perjodu bejn is-6 ta' Novembru, 2022 u l-21 ta' Novembru, 2022

Illum, l-25 ta' Ottubru, 2022

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.).
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

and keeper of the Acts for Notary Dr Michaela Fleri-Soler for the period between the 6th November, 2022 and the 21st of November, 2022.

Today, the 25th October, 2022

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.).
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI
(KAP. 354)

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali li ġew inkarigati b'*Writ* biddata tal-20 ta' Ottubru, 2022, bil-firma u s-siġill tal-President ta' Malta, biex jagħmlu elezzjoni każwali ta' Membru tal-Kamra tad-Deputati biex jimtela l-post li tbattal mill-Onor. Robert Arrigo, MP, għall-Għaxar Distrett Elettorali jgħarrfu b'dan illi l-persuni murija hawn taħt ġew nominati validament skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 19 tar-regolamenti murija taħt it-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), jiġifieri:

L-Għaxar Distrett Elettorali

BUTTIGIEG ALBERT
PORTELLI BONNICI EMMA

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tal-votazzjoni tal-Onor. Robert Arrigo, MP, għall-Għaxar Distrett Elettorali, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 21 tar-regolamenti murija taħt it-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354) nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Ottubru, 2022, fid-9.00 a.m. fis-Sala tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Is-Sur Mario Callus
Dott. Veronique Dalli
Is-Sur Richard Dimech
Dott. Dianne Galea
ls-Sa Melanie Mizzi
Is-Sa Marion Portelli
Is-Sur Salvu Sant
Dott. Victor Scerri
Is-Sur Angelito Sciberras
Is-Sur Joseph Scicluna

GENERAL ELECTIONS ACT
(CAP. 354)

Notice

The Electoral Commissioners duly entrusted by a Writ dated 20th October, 2022, under the hand and seal of the President of Malta, to cause a casual election of a Member of the House of Representatives to fill the seat vacated by the Hon. Robert Arrigo, MP, for the Tenth Electoral Division hereby notify that the following persons have been validly nominated in accordance with the provisions of regulation 19 of the regulations shown under Schedule Thirteen of the General Elections Act (Cap. 354), viz:

Tenth Electoral Division

BUTTIGIEG ALBERT
PORTELLI BONNICI EMMA

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of the Hon. Robert Arrigo, MP, for the Tenth Electoral Division, in accordance with the provisions of regulation 21 of the regulations shown under Schedule Thirteen of the General Elections Act (Cap. 354), on Friday, 28th October, 2022, at 9.00 a.m. at the Counting Hall Complex, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Mr Mario Callus
Dr Veronique Dalli
Mr Richard Dimech
Dr Dianne Galea
Ms Melanie Mizzi
Ms Marion Portelli
Mr Salvu Sant
Dr Victor Scerri
Mr Angelito Sciberras
Mr Joseph Scicluna

Kummissjonarji Elettorali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-27 ta' Ottubru, 2022

Electoral Commissioners

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

27th October, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1949

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Awwissu, 2022, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 26 ta' Jannar, 2023, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament, fil-pjan terran inkluż iż-żewġt ibtieħi, internament immarkat bin-numru tnejn (2) u jifforma parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru erbgħin (40) qabel innumerat tmienja u tletin (38), bl-isem 'Bajada Buildings', fi Triq il-Makna tas-Serrar, L-Imsida. L-imsemmi appartament jinsab fin-naħa tal-lemin hekk kif wieħed iħares mill-faċċata tal-blokk fl-imsemmija triq u huwa sottopost għal proprjetà ta' terzi persuni, igawdi d-drittijiet attivi u suġġett għas-servitù favur terzi, li jirriżulta mill-pożizzjoni tiegħu, li jinkludu t-twieqi ta' terzi li jħarsu għal fuq il-btieħi li jiffurmaw parti mill-appartament numru tnejn (2) u l-passaġġ ta' servizzi ta' terzi mill-istess btieħi. L-appartament jinkludi s-sehem indiviż prorata mas-sidien tal-appartamenti l-oħra tal-blokk, kif ukoll il-partijiet li huma intiżi għall-użu komuni, li jinkludu l-entratura, l-entrata, it-turġien u t-tromba tat-taraġ li tagħti għall-bejt, inkluż il-bejt. L-imsemmi appartament huwa suġġett għas-subċens annwu u perpetwu ta' erba' ewro u sittin ċenteżmu (€4.60), li huwa parti minn subċens annwu u perpetwu ta' disgħa u erbgħin ewro u disa' ċenteżmi (€49.09) impost fuq il-blokk kollu, bid-drittjiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u stmat li jiswa mija, ħamsa u disgħin elf ewro (€195,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Borg Maria (KI 121981M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 13/2014.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 30th August, 2022, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 26th January, 2023, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment on groundfloor level including the two (2) yards, internally marked number two (2), forming part of a block of apartments number fourty (40) previously numbered thirty eight (38), named 'Bajada Buildings' situated in Triq il-Makna tas-Serrar, Msida. The said apartment is on the right hand side as one faces the block from the said street and is underlying third party property, enjoys active rights and is subject to servitudes in favor to third parties, resulting from its position, which includes third parties windows overlooking onto the yards forming part of apartment number two (2) and the passage of services of third parties from the same yard. The apartment includes the undivided share pro rata with the owners of the said block as well as all the parts intended for common use including the entrance, entrance hall, stairs, landings, stairwell leading onto the roof, and the roof and is subject to the annual and perpetual sub-ground rent of four euro and sixty cent (€4.60), part of a greater annual and perpetual sub-groundrent of fourty nine euro and nine cent (€49.09) imposed on the whole block and with all its rights and appurtenances and valued at one hundred and ninety five thousand euro (€195,000).

The said tenement is the property of Borg Maria (ID 121981M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 13/2014.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 24th October, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1950

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-tlettax (13) ta' Ottubru 2022 (Digriet numru 124/2022BS, wara Rikors numru 25/2022BS) ġie kkonfermat interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Kevin Xerri, bin Paul Xerri u Mary née Bajada, imwieled Victoria, Għawdex, u residenti x-Xagħra, Għawdex (karta ta' identità numru 5906H)

Mary Xerri, née Bajada, beautician, mart Paul Xerri, bint Grezio Bajada u Josephine née Camilleri, imwielda New York, l-Istati Uniti tal-Amerika, u residenti x-Xagħra, Għawdex (karta ta' identità numru 165904L, ġiet bl-istess digriet nominata kuratriċi tiegħu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 24 ta' Ottubru, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, on the thirteen (13th) of October of the year 2022 (Decree number 124/2022BS following Application number 25/2022BS) Kevin Xerri, son Paul Xerri and Mary née Bajada, born in Victoria, Gozo, and resides in Xagħra, Gozo, holder of identity card number 5906H, has been confirmed interdicted from all acts of civil life.

Mary Xerri, née Bajada, beauticion, wife of Paul Xerri, daughter of Grezio Bajada and Josephine née Camilleri, born in New York, United States of America, and resides in Xagħra, Gozo, holder of identity card number 165904L, has been nominated as his curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 24th of October, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1951

Avviż mir-Reġistru Tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi George Xerri (KI 397359M) ippreżenta rikors ġuramentat (numru 959/2022JVC) fejn ġiet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku numru 3973/1959 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 24 ta' Ottubru, 2022

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas George Xerri (ID 397359M) filed an application under oath (number 959/2022JVC) demanding the correction of the Act of Public Registry number 3973/1959 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, today 24th of October, 2022

KAREN FALZON
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603